FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 1 ta' Gunju 2001

**Numru 23**

**Avviz. numru 61/00JR**

**George Camenzuli**

**vs**

**Joseph Andrew Saliba**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Jannar, 2000, fejn intalab il-hlas ta' sebghin lira Maltija (Lm70.00), rapprezentanti hsara kagunata mill-konvenut fil-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-**

**numru ta' registrazzjoni DJF-953, fl-incident li sehh fit-13 ta' Lulju, 1999, fi Triq San Karlu kantuniera ma Triq Rudolfu, Sliema, liema incident sehh htija tal-konvenut;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tat-2 t'Awissu, 1999, u ta' l-ittra ufficjali tas-6 t'Awissu, 1999, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-2 ta' Marzu, 2000, fejn intqal illi l-konvenut ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali citat fl-avviz stante li ghal habta de quo kien unikament responsabbli l-attur li hareg minn side road ghal go main road minghajr ma ta d-dritta spettanti lill-konvenut li kien fil-main road u inoltre li anke minhabba l-fatt li l-assikuraturi ta' l-attur accettaw ir-responsabbilta' ta' dan l-incident u lesti li jhallsu d-danni tal-konvenut ta' oltre sebgha mitt lira (Lm700).**

**Semgha x-xhieda ta' PC 1415 Emanuel Pace, PC 857 John Laferla, George Camenzuli u George Andrew Saliba.**

**Ra l-affidavits ta' George Camenzuli, Nazzareno Camenzuli, Adrian Camenzuli u Janet Camenzuli.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Lulju, 1999, ghall-habta ta' nofsinhar, fi Triq Rudolfu kantuniera ma' Triq San Karlu, Sliema, bejn il-vettura DJF-953 misjuqa mill-attur u l-vettura DBA-671 misjuqa mill-konvenut.**
2. **Il-konvenut kien miexi fi Triq Rudolfu filwaqt li l-attur kien hiereg minn Triq San Karlu, li hija triq sekondarja ghall dik li fiha kien ghaddej il-konvenut.**
3. **Skond ma xehed l-attur hu kien waqaf qabel l-istop sign li hemm ma' Triq San Karlu. Skond l-attur il-konvenut dahal fih bil-bumper ta' quddiem.**
4. **Jirrizulta li l-konvenut ma waqafx mal-habta. Jirrizulta wkoll li r-rapport tal-pulizija ma sarx mill-istess pulizija li mar fuq il-post.**
5. **Jirrizulta li mal-art hdejn l-istop sign kien hemm il-hgieg tal-fanal li nkiser mal-kollizzjoni.**
6. **Gie allegat mill-attur li l-konvenut kien ser jaghmel xi manuvra biex idur ghall go Triq San Karlu, pero` dana ma jirrizultax.**
7. **It-Tribunal innota dak li qal PC 1415 Emanuel Pace dwar il-kollizzjoni, cioe` li l-"point of impact" kien mal-istop sign.**

8. **Fil-fatt il-konvenut jghid li hu u gej mid-direzzjoni ta' l-Ghassa ta' Tas-Sliema ra karrozza hierga, u din kienet qabzet l-istop sign b'xi pied. L-istess konvenut jghid li kien xi sitt metri l-boghod meta ra lill-attur hiereg.**

9. **Ghalhekk jirrizulta li l-konvenut kien ben konxju tal-vettura ta' l-attur li kienet qieghdha fuq l-istop sign. Pero` mil-lat l-iehor min hiereg minn Triq sekondarja ghandu l-obbligu li jara li jista' jaghmel hekk minghajr ma jikkrea ostakolu ghat-traffiku li jkun ghaddej fit-triq principali. Jidher li l-attur kien qieghed fuq l-istop sign. Mil-lat l-iehor il-konvenut li ra lill-attur sa minn sitt metri l-boghod u li kien ghaddej bil-mod, kif jghid hu stess, messu gibed ftit il-barra biex jevita l-incident. It-Tribunal jirrileva li f'dik il-parti ta' Triq San Karlu, wiehed necessarjament irid jisporgi xi ftit biex jara jekk humiex gejjin vetturi. Fic-cirkostanzi it-Tribunal iqies li z-zewg partijiet kienu jahtu ghall-incident b'mod ugwali. Ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati bejn iz-zewg partijiet.**

10. **Dwar id-danni ma jirrizultax li l-konvenut kellu xi danni, u lanqas ma saret kontro-talba fir-rigward. Jirrizulta li l-attur garrab b'sebghin lira Maltija (Lm70.00) danni. Ghalhekk l-attur ghandu jbati biss nofs dan l-ammont cioe` hamsa u tletin lira Maltija (Lm35.00).**

**11. Dwar l-ispejjez it-Tribunal ma jistghax ma jinnotax li l-affidavits prezentati mill-attur ma tefghu ebda dawl gdid fuq il-kaz. Fic-cirkostanzi kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kienu jahtu z-zewg partijiet f'mod ugwali t-Tribunal jilqa' t-talba limitatament fl-ammont ta' hamsa u tletin lira Maltija (Lm35.00) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont imsemmi ta' hamsa u tletin lira Maltija (Lm35.00).**

**Dwar l-ispejjez, kull parti fil-kawza ghandha tbati l-ispejjez taghha.**

**Avv Joseph Refalo**

**Gudikatur**